# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 9 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Guramentat Numru:- 576/2022 JVC**

**Maria Carmela k/a Marlene Zammit (K.I. Nru: 0026861M)**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Carmela sive Marlene Zammit li talbu kif isegwi:

1. 'Illi fl-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u tmienja u sittin

(268) tas-sena 1960 [kopja tal-Att ta Twelid hawn anness, esebita u mmarkata bhala Dokument A], fil-kolonna ntitolata "Ismijiet Moghtija", ir-rikorrenti ggib l-ismijiet ta' "Maria Carmela, Victoria, Natalitia, Frances";

2. Illi, fl-istess Att tat-Twelid u specifikament fil-kolonna "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah", isem ir-rikorrenti hu dak ta' "Maria Carmela";

3. Illi fuq il-Karta' tal-ldentita ta 1-istess rikorrenti, kopja ta' liema hi annessa w immarkata bhala Dokument B, ir-rikorrenti hija ndikata bl-isem ta' "Maria Carmela k/a Marlene Zammit";

4. Illi, sa' minn meta twieldet u kienet ghadha tattendi l-iskola sekondarja fil-Maria Assumpta Secondary School, Hamrun, ir-rikorrenti dejjem kienet ndikata bhala Marlene (kopja ta' l-ischool leaving certificate datat 12 ta' Lulju, 1976, hawn annessa w immarkata bhala Dokument C).

5. Illi, eventwalmenet, anke meta kienet qed issegwi korsijiet fl-Universita ta' Malta, minn fejn kienet iggradwat bhala Bachelor of Education u iktar tard fil-Post Graduate, ir-rikorrenti baqghet dejjem tigi ndikata bhala Marlene (kopji tac-certifikati mahruga mill-Universita ta' Malta hawn annessi w immarkati bhala Dokumenti D u E);

6. Illi, fil-korrispondenza taghha mad-Dipartiment tat-Taxxi, ir-rikorrenti dejjem tigi ndikata bhala "Marlene" [kopja tar-rendikont datat 2 ta' Frar, 2021, mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxi ghas-sena ta' Stima 2020 (sena bazi 2019) hawn annessa w immarkata bhala Dokument F];

7. Illi, fil-korrispondenza taghha mad-Dipartiment tas-Sahha, ir-rikorrenti dejjem tigi ndikata bhala "Marlene" (kopja ta' notifika datata 17 ta' Gunju, 2022, mahruga mill-isptar Mater Dei hawn annessa u mmarkata bhala Dokument G);

8. Illi, fil-korrispondenza taghha ma' l-Automated Revenue Management Services Limited (Arms Ltd.,) ir-rikorrenti dejjem tigi ndikata bhala "Marlene" (kopja ta' kont datat 11 ta' Marzu, 2022, hawn annessa w immarkata bhala Dokument H);

9. Illi, fil-korrespondenza taghha mal-APS Bank Ltd, ir-rikorrenti dejjem tigi ndikata bhala "Marlene" (kopja tal-ittra mibghuta mill-APS Bank Ltd datata 23 ta' Mejju 2013, hawn annessa w immarkata bhala Dokument I);

10. Illi, sahansitra anki l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) indikat isem ir-rikorrenti bhala "Marlene" fis-sentenza datata 9 ta' Marzu, 2007, (kopja ta' liema sentenza hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument J);

11. Illi, familjari u hbieb li ilhom jafu lir-rikorrenti ghal hafna snin jafuha biss bl-isem ta' "Marlene" (Affidavit ta' Joanna Tabone datat 24 ta' Gunju, 2022, hawn anness u mmarkat bhala Dokument K);

12. Illi, minhabba li d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta li johrog certifikati hlief bl-isem, jew ismijiet, kif miktuba originarjament, tali certifikat u dokumenti ufficjali se jkunu qeghdin jinhargu bl-isem ta' "Maria Carmela" minflok "Marlene";

13. Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta illi jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega;

14. Illi tali nkonsistenza fl-isem tar-rikorrenti l-kawza, u qed jikkawza, diffikultajiet prattici u procedurali lir-rikorrenti, fosthom meta jigi biex jinhareg passaport gdid u f'dak li ghandu x'jaqsam ma' dokumentazzjoni ufficcjali ohra;

15. Illi, ghalhekk, ir-rikorrenti ghandha interess skont il-Ligi, inter alia, ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni, u cioe' li isimha jinbidel minn "Maria Carmela" ghal "Marlene", kif fil-fatt hi u kif kienet minn dejjem maghrufa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement maghrufa bih huwa Marlene" u mhux "Maria Carmela" u tiddikjara li isem ir-rikorrenti bid-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghandu jkun ta' "Marlene";

2. Tordna l-korezzioni tal-Att tat-Twelid Numru mitejn u tmienja u sittin (268) tas-sena 1961, billi tordna li fil-kolonna "Ismijiet Moghtija" l-isem "Maria Carmela" jigi Sostitwit bl-isem "Marlene" u Tordna li fil-kolonna "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah", l-isem "Maria Carmela" jigi sostitwit bl-isem "Marlene";

3. Tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel zewg talbiet, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti, b'dana illi kull fejn isem ir-rikorrenti huwa indikat bhala "Maria Carmela" jidhol minflok l-isem "Marlene", b'riserva u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat 268/1960, kopja ta' liema tinsab hawn annessa mar-rikors ġuramentat promotur, jirriżulta illi hija twieldet f'Malta, fit-23 ta' Diċembru tas-sena 1960, lil Vincent Zammit u lil Salvina, wife of the said Vincent Zammit, u li Maria Carmela huwa l-isem kif għandha tissejjaħ;

4. Illi kien il-missier, Vincent Zammit, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħatawlha huma Maria, Carmela, Victoria, Natalitia, Frances filwaqt li għandha tissejjaħ bl-isem 'Maria Carmela'. Dan jirriżulta mill-istess Att tat-Twelid tar-rikorrenti, u mhux ikkontestat, stante li ġie ddikjarat ukoll fir-rikors ġuramentat promotur tagħha;

5. Illi r-rikorrenti pproċediet bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha,

stante illi hija ddikjarat li minkejja li 'Maria Carmela' huwa l-isem li ingħatalha mill-ġenituri tagħha, fil-ħajja ta' kuljum hija konsistentement magħrufa bħala 'Marlene';

6. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, fejn qed tintalab " kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel zewg talbiet, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

8. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Rat li saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 28 tal-process.

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat li lkoll tevidenzja li effettivament ir-rikorrenti hija maghrufa bl-isem ta' Marlene u mhux Maria Carmela tant illi anki fil-karta tal-identita' taghha hija rikonoxxuta bl-isem ta' Marlene;

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti stess u ta' ohtha Rosette Cini a fol. 26 u 27 tal-process li kkonfermaw bil-gurament illi r-rikorrenti hija maghrufa bl-isem ta' Marlene u mhux Maria Carmela.

In vista ta' dak kollu suespost u l-evidenca fl-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement maghrufa bih huwa Marlene" u mhux "Maria Carmela" u tiddikjara li isem ir-rikorrenti bid-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghandu jkun ta' "Marlene";

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korezzjoni tal-Att tat-Twelid Numru mitejn u tmienja u sittin (268) tas-sena 1961, billi tordna li fil-kolonna "Ismijiet Moghtija" l-isem "Maria Carmela" jigi Sostitwit bl-isem "Marlene" u tordna li fil-kolonna "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah", l-isem "Maria Carmela" jigi sostitwit bl-isem "Marlene";

4. Tilqa' t-tielet talba limitatament izda ghall-atti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Novembru 2022**